MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 41/2003

**Joseph Cutajar.**

**vs.**

**Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-Appell ta' Joseph Cutajar a fol. 2 tal-process datat 17 ta' Novembru 2003, fejn gie premess:-

Illi dan huwa appell mid-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-ippjannar fil-kaz fl-ismijiet premessi tat-31 ta' Ottubru 2003, kopja ta' liema decizjoni hi hawn mehmuza;

Illi l-esponent hass ruhu aggravat minn din id-decizjoni u interpona umili appell minnha ghall-quddiem il-Qorti tal-appell kompetenti;

Illi l-aggravju tieghu huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Id-decizjoni tal-ewwel Onorabbli Bord hija bazata fuq ir-*res judicata* u fuq dan biss incahad l-appell interpost mill-esponent. Is-sottomissjoni tal-esponent hija li fil-fatt f'decizjonijiet ta' natura amministrattiva ma hemmx il-veru *res judicata* kif tiftiehem fid-dritt civili u ghalhekk l-istess nozzjoni ma tistax tigi applikata bl-istess mod fil-kamp amministrattiv. In realta` ma hemmx ir-*res judicata* fil-kamp amministrattiv ghaliex ma hemmx il-'*lis*' fil-forma li solitu tiftiehem fil-kawzi civili. Fil-kamp amministrattiv hemm l-esercizzju ta' diskrezzjoni li thalli f'idejn l-awtorita spazju biex tiddelibera u tiddeciedi. Dak l-ispazju ma jistax jigi ristrett jew negat b'decizjonijiet li jkunu ittiehdu in precedenza ghaliex jibqa' dejjem fid-dritt tal-awtorita` kompetenti, anzi fl-obbligu, li tapplika mohhha ghall-applikazzjoni li jkun hemm quddiema u tiddecidiha b' ezercizzju diskrezzjonali. Huwa manifest li fil-kaz tal-Qorti ma hemm l-ebda esercizzju ta' diskrezzjoni imma biss l-applikazzjoni tal-ligi, u minn dan il-fatt titwieled in-nozzjoni ta' gudikat;

Illi *inoltre* huwa ben risaput li kwistjonijiet simili mqajma quddiem l-Awtorita kemm-il darba jkollhom ezitu differenti u dan minhabba varjeta' u l-komplessita' ta' fatturi li jistghu jinfluwixxu fuq id-decizjoni tittiehed. In realta' jezistu anke decizjonijiet fejn in-nozzjoni ta' gudikat giet skartata jew mxejna fil-kamp tad-dritt amministrattiv; ghalhekk hija l-umili sottomissjoni tal-esponent li n-nozzjoni tar-*res judicata* ma kenitx applikabbili ghall-kaz.

Illi *inoltre* l-limitazzjoni li fl-istess sentenza jsiru ghar-*res judicata* jaslu fl-umili sottomissjoni tal-esponent biex jeskluduha kompletament. L-esponent jisottometti li hekk missu sar fil-kaz *in disamina*.

*Inoltre* l-esponent jissottometti li l-fattur li l-applikant kien differenti, u huwa ta' importanza fondamentali fir-*res judicata*, l-*eadem personae*, gie kompletament skartata mill-ewwel Bord. Certament meta l-applikant ma jkunx l-istess persuna dan ghandu dritt li fil-konfront tieghu d-

diskrezzjoni amministrattiva tigi applikata minghajr il-pregudizjali tal-gudikat. Ghaliex bl-applikazzjoni tal-gudikat ghalih huwa ma jkunx qieghed jinghata l-possibbilta’ li l-applikazzjoni tieghu tigi kkunsidrata minghajr ebda pregudizju preesistenti.
Fl-ahharnett jinghad ukoll li l-fatt li l-Bord jasal biex jghid li l-applikazzjoni kienet simili imma mhux identika ghal dik precedenti messu waslu fil-fatt biex jeskludi l-applikazzjoni tal-gudikat in materja.

Dan kien fattur importanti li l-Bord skartah minghajr ma tah l-ebda importanza partikolari.

Ghaldaqstant l-esponent fil-waqt li jaghmel riferenza ghall-provi kollha ga prodotti u jirriserva li jipproduci dawk il-provi permessi mill-ligi jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka l-precitata decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjannar fil-kaz fl-ismijiet premessi tal-31 ta' Ottubru 2003 u b' hekk tiddecidi billi tilqa’ l-appell tal-esponent.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar li esebixxa *animo ritirandi* l-file tal-Bord ta’ l-Appell fl-ismijiet **“Joseph Cutajar vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** deciz mill-Bord.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Gunju 2004 fejn l-appell gie differit ghall-25 ta’ Novembru 2004 ghall-finali trattazzjoni;

Rat ir-risposta tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp datata 10 ta’ Gunju 2004 a fol. 72 tal-process:-

1. Illi l-materja mertu tal-vertenza odjerna hija dwar jekk l-eccezzjoni tar-*res judicata* tistax titqajjem quddiem tribunal amministrattiv, u senjatament quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar.

2. Illi llum-il gurnata, dan il-punt huwa deciz minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta' decizjoni moghtija fl-appell fl-ismijiet “**Joseph Difesa vs. Awtorita” (Appell) numru 12/03 RCP) deciz fis-26 ta' Mejju 2004.**

3. Illi f'dik id-decizjoni, din l-Onorabbli Qorti ikkonfermat illi l-eccezzjoni tar-*res judicata* tista' titressaq quddiem il-Bord ta' l-Appelli, u sta ghall-istess Bord li jivvaluta jekk fic-cirkostanzi ta' l-appell imressaq quddiemu, jkunx opportun li tintlaqa` din l-eccezzjoni jew le.

4. Illi certament fil-valutazzjoni maghmula mill-Bord ta' l-appelli fl-appell odjern, kienet gust bil-valutazzjoni maghmula mill-istess Bord, fejn huwa ddecieda li jilqa' l-eccezzjoni sollevata quddiemu *stante* li l-fatti ta' l-appell odjern kienu, fl-opinjoni ta' l-istess Bord simili ghal dak diga` deciz f'applikazzjoni precedenti.

5. Hija wkoll gusta l-valutazzjoni maghmula mill-istess Bord ta' l-appelli dwar jekk l-istess ghandux jinghad meta jkun hemm applikant differenti. Hija l-umli opinjoni ta' l-esponenti illi l-Bord kien korrett meta qal illi anke jekk jinbidel l-applikant, l-eccezzjoni tista' tigi kkunsidrata, u dan ghas-semplici raguni illi f'materja ta' Ippjanar, r-rabta hija mas-sit, u mhux ma l-applikant, tant illi permess jibqa' validu u vigenti sew jekk l-applikazzjoni ssir minn xi hadd li m'huwiex is-sid tas-sit, u sew jekk wara li jinhareg il-permess, is-sid jinbidel. Ghaldaqstant, f'dan il-kuntest hekk specifiku, il-fatt li l-applikant ikun persuna ohra m'ghandu l-ebda rabta.

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-appellati, filwaqt li jaghmlu referenza ghall-provi gia prodotti u jirriservaw li jgibu il-provi kollha permessi mill-Ligi, umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tichad l-appell interpost mill-appellant Joseph Cutajar u tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fil-31 ta' Ottubru 2003.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Novembru 2004 fejn il-kawza giet differita ghall-istess skop tal-verbal precedenti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Mejju 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-istess skop tal-verbal precedenti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Novembru 2005 fejn id-difensuri kellhom jivverifikaw jekk fil-process hemmx il-gudikat li abbazi tieghu l-appellant ghamel il-procedura odjerna, u fin-nuqqas il-Qorti ordnat lid-difensuri biex fi zmien 20 jum jesebixxu l-istess decizjoni. Profs. Ian Refalo ghall-appellant talab li jipprzenta nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' 60 gurnata lill-appellant biex jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollhom 60 gurnata biex jirrispondu, mid-data tan-notifika tan-nota ta' osservazzjonijiet, b'dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-Awtorita' appellata jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-appellant. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-30 ta' Marzu 2006;

Rat in-nota ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li biha esebiet kopja tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 17 ta' Jannar 2000 fl-ismijiet **"Emanuel Cutajar vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (Appell nru PAB 309/96 SMS) fil-kawza fl-ismijiet premessi.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi r-rikorrent applika ghal "*change of use from stores to wedding hall (stores) covered in PAPB 667/91/3587/88 and court sentence dated 26th February 93 fi Country Castle, Tal-Mampat, limiti tal-Gudja",* liema applikazzjoni giet michuda. B'hekk sar appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li ddecieda billi laqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissjoni appellata abbazi tar-*res judicata.*

Illi l-appellanti qed isostni li f'decizjonijiet ta' natura amministrattiva m'hemmx l-applikazzjoni tal-eccezzjoni ta' *res judicata* kif tiftiehem fid-dritt civili u b'hekk l-istess nozzjoni ma tistax tigi applikata bl-istess mod fil-kamp amministrattiv. Dan ghaliex m'hemmx il-*lis* fil-forma li s-soltu tiftiehem fil-kawza civili. Huwa sostna li fil-kamp

amministrattiv hemm l-element predominanti tad-diskrezzjoni. Din, dejjem skond l-appellant, ma tistax tigi ristretta jew negata b'decizjonijiet li jkunu ttiehdu in precedenza ghaliex jibqa' dejjem fid-dritt tal-awtorita' kompetenti, anzi fl-obbligu, li tapplika mohhha ghall-applikazzjoni li jkun hemm quddiema u tiddecidiha b'esercizzju diskrezzjonali. Fil-kaz tal-Qorti m'hemm l-ebda esercizzju ta' diskrezzjoni imma biss l-applikazzjoni tal-ligi. *Inoltre'* huwa kompla li kwistjonijiet simili imqajma quddiem minhabba il-varjeta' u l-kumplessita' ta' fatturi li jistghu jinfluwixxu fuq id-decizjoni li tittiehed.

Illi l-Kummissjoni appellata ghamlet referenza ghall-appell fl-ismijiet **"Joseph Difesa vs Awtorita'"** fejn dan il-punt diga' gie deciz fis-sens li tali eccezzjoni tista' titressaq.

Illi infatti fis-sentenza msemmija mill-Kummissjoni appellata cioe' **"Joseph Difesa vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.C. 12/03/RCP – 26 ta' Mejju 2004) intqal is-segwenti:-

*"Illi mhux hekk biss izda mill-gurisprudenza vigenti jirrizulta li l-kuncett ta' res judicata ma hijiex eskluza l-applikazzjoni tieghu f'kazijiet ta' zvilupp jekk jinkorru l-elementi ta' l-istess eccezzjoni u cjoe' (1) "eadem res"; (2) "eadem causa petendi"; u (3) "eadem personae", u jekk ic-cirkostanzi kollha nkluz l-policies applikabbli huma l-istess aktar u aktar meta l-Bord ghandu funzjoni ta' tribunal quasi gudizzjarju u dan huwa soffermat mis-sentenza* ***"Victor Chetcuti vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"*** *(A.C. 31 ta' Mejju 1996) u fid-decizjoni* ***"Alex Montanaro noe vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"*** *(A.C. 9 ta' Frar, 2001)".*

Illi fil-fatt fl-istess decizjoni msemmija ta' **"Joseph Difesa vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 28 ta' Gunju 2002) inghad li meta decizjoni ta' Qorti jew ta' Tribunal tkun wahda finali, l-istess decizjoni tkun tikkostitwixxi "ligi" ghall-partijiet. Is-sahha tal-gudikat huwa proprju li l-partijiet ikunu marbutin li josservaw dak li d-decizjoni finali tkun iddecidiet. Ghalhekk, ma jistghux iqajmu l-istess kaz mill-gdid. Jekk xi hadd *"minnhom*

*jittanta jaghmel hekk, il-parti l-ohra tista' tissolleva l-eccezzjoni ta' res judicata. Din l-eccezzjoni tintlaqa' jekk ikun jissussisti l-konkors tat-tliet elementi, cjoe' "eadem personae", "eadem res", u "eadem causa petendi". Fi kliem iehor din l-eccezzjoni tintlaqa' jekk is-sentenza ta' qabel tkun inghatat f'kawza bejn l-istess persuni, maghmula ghall-istess oggett, u fuq l-istess kawzali."*

Illi *inoltre'* l-Qorti kompliet ukoll fir-rigward tal-principju tar-*res judicata* li *"ma hemm xejn x'josta ghall-applikazzjoni tal-istess principju ghall-kazijiet quddiem l-istess Bord u wkoll quddiem din il-Qorti."*

Illi dan kollu gie kkonfermat fis-sentenza tallum stess fl-ismijiet **"Matthew Vella vs Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. 30 ta' Marzu 2006) u konsegwentement l-aggravju tar-rikorrent li n-nozzjoni ta' *res judicata* mhiex applikabbli fil-kamp tad-dritt amministrattiv ghandu jigi michud ghar-ragunijiet premessi.

Illi fil-mertu, l-appellant issottometta li l-limitazzjoni li fis-sentenza saru ghar-*res judicata* jaslu biex jeskluduha kompletament. Huwa jsostni li l-fattur li l-applikant kien differenti gie kompletament skartat mill-Bord. Huwa kompla li meta l-applikant ma jkunx l-istess persuna dan ghandu dritt li fil-konfront tieghu d-diskrezzjoni amministrattiva tigi applikata minghajr il-pregudizzjali tal-gudikat. Dan ghaliex bl-applikazzjoni tal-gudikat ghalih huwa ma jkunx qieghed jinghata l-posibbilta' li l-applikazzjoni tieghu tigi kkunsidrata minghajr ebda pregudizzju preesistenti. *Inoltre'* l-fatt li l-Bord wasal biex ighid li l-applikazzjoni kienet simili imma mhux identika ghal dik precedenti messu wasslu fil-fatt biex jeskludi l-applikazzjoni tal-gudikat in materja.

Illi din il-Qorti diga' kellha diversi okkazzjonijiet fejn inghad li l-valutazzjoni, l-apprezzament u l-piz li jaghti l-Bord ghall-fatti tal-kaz jidhlu fid-diskrezzjoni tal-Bord, liema diskrezzjoni ma hijiex sindakabbli mill-Qorti f'Appelli bhal dawn. Infatti fis-sentenza **"Joseph Attard vs Il-**

**Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002) inghad :-

*"Illi dana necessarjament jimplika li l-uzu u t-twettiq ta' dina d-diskrezzjoni da parti tal-Bord hija ferm aktar oneruza milli kieku l-ligi provdiet ghall-possibbilta' ta' sindakabbilita' fuq din il-materja. U billi huwa principju fondamentali tal-amministrazzjoni retta tal-gustizzja, li din mhux biss trid issir, izda trid tidher manifestament li qeghda ssir, isegwi li l-Bord ghandu jkun ferm geluz li jikkonsidra sewwa s-sottomissjonijiet kollha li jsirulu mill-partijiet u li jimmotiva sewwa d-decizjonijiet li jaghti anke fuq l-aspetti fattwali tal-kaz."*

Illi din il-Qorti thoss pero' li n-nozzjoni ta' *res judicata* ghalkemm giet trattata mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar giet spjegata legalment erronjament mill-istess Bord ta' l-Appell fid-decizjoni tieghu. Infatti minkejja li minn qari tas-sentenza jirrizulta li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar dahal f'din il-kwistjoni u rrefera ghaliha, xorta wahda sar zball ghaliex il-mod kif gew spjegati r-rekwiziti tar-*res judicata* ghall-kaz li kellu quddiemu ma huwiex wiehed korrett.

Illi dan qed jinghad ghaliex il-Bord iddecieda li jaghzel li jinterpreta r-rekwiziti tar-*res judicata* b'mod differenti minn kif dan l-istitut huwa normalment applikat u wkoll u ghalhekk biddel l-elementi essenzjali tieghu - li jibqghu dejjem l-istess mill-*punto di vista* legali - u jridu jezistu lkoll flimkien u dan huwa necesarju *sine qua non* ghall-applikazzjoni ta' l-istess principju; jekk jinbidel xi principju u/jew xi element kostituttiv ta' l-istess nozzjoni ta' *res judicata,* huwa naturali li ma nkunux qed nitkellmu fuq l-istess istitut.

Illi dan qed jinghad ghaliex il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni tieghu hass li ghall-applikazzjoni ta' l-istitut ta' *res judicata* ma huwiex necessarju li jkun hemm l-istess persuni u f'dan l-kaz li l-applikant ta' dan l-izvilupp setgha jkun persuna differenti minn dik li tkun giet kwotata bhala precedent ghall-eccezzjoni ta' *res judicata,* tant li l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar hass li din id-

differenza ma kenitx relevanti ghalih minhabba li sostna li l-permess jinhareg fil-konfront tas-sit u mhux tal-persuna. Ladarba s-sit mertu taz-zewg appikazzjonijiet imsemmija u identifikati fid-decizjoni hawn appellata kien identiku, l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar iddecieda, wara li ra r-rekwiziti l-ohra kienu sodisfatti, li r-*res judicata* setghet tigi applikata.

Illi hawn il-Qorti terga' tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Victor Chetcuti vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. 31 ta' Mejju 1996) u fid-decizjoni **"Alex Montanaro noe vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp"** (A.C. 9 ta' Frar, 2001) u dik gja citata ta' **"Joseph Difesa vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 28 ta' Gunju 2002) fejn gie konstantament affermat li *"huwa risaput li meta decizjoni ta' Qorti jew ta' Tribunal tkun wahda finali, l-istess decizjoni tkun tikkostitwixxi "ligi" ghall-partijiet. Is-sahha tal-gudikat huwa proprju hawn:- li l-partijiet ikunu marbutin li josservaw dak li d-decizjoni finali tkun iddecidiet. Ghalhekk, ma jistghux iqajmu l-istess kaz mill-gdid. Jekk xi hadd minnhom jittanta jaghmel hekk, il-parti l-ohra tista' tissoleva l-eccezzjoni ta' res judicata. Din l-eccezzjoni tintlaqa' jekk ikun jissussisti l-konkors tat-tlett elementi, cioe' "eadem personae", "eadem res", u eadem cautio petendi". Fi kliem iehor din l-eccezzjoni tintlaqa' jekk is-sentenza ta' qabel tkun inghatat f'kawza bejn l-istess persuni, maghmula ghal-istess oggett, u fuq l-istess kawzali".*

Illi minn dan kollu jidher car li mill-istess giurisprudenza konstanti li l-istess principju ta' *res judicata* japplika wkoll ghal kazijiet quddiem l-istess Bord u wkoll quddiem din il-Qorti, ovvjament f'dawn il-proceduri mehuda fl-optika tal-ligijiet ta' ppjanar, li huma l-unika ligijiet li l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ghandu kompetenza dwarhom b'dan ukoll li jigi sottolineat li l-istess eccezzjoni hija intiza dejjem sabiex tevita li l-istess applikant jerga' jittenta jipprezenta l-istess kaz medissimu quddiem l-istess organu li tah l-ewwel decizjoni. Fil-fatt inghad li *"if the original decision is intra vires then it is binding simply because it is a lawful decision given by the appropriate body. The term res*

*judicata is of use to prevent frequent attempts to determine the same point".*

Illi ghalhekk dawk li huma principji ta' *res judicata* u l-applikazzjoni taghhom, l-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza **"Rabat Construction Company Limited vs Cutajar Construction Limited"** (P.A. (RCP) – 9 ta' Jannar 2002) u dik fl-ismijiet **"Registratur tal-Qrati Superjuri vs. M of Time Limited" –** P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000 – Citaz. Numru 1247/99/RCP) u **"Helen sive Eileen Borg vs Bank of Valletta p.l.c."** (P.A. (JRM) 7 ta' Mejju 2001 – Vol. LXXXV.iii.(II).465).

Illi fil-fatt huwa principju *ormai* stabbilit li sabiex tirnexxi din l-eccezzjoni ta' *res judicata "jridu jinkonkorru tliet rekwiziti:-identita' tal-persuni, identita' tal-oggett u l-identita' tal-kawza"* - **("Joseph Tanti vs Anthony Ciappara et"** – P.A. (A.D.) 5 ta' April 1993; **"Dottor Joseph Fenech nomine vs Antonio Axiaq et"** – A.C. 8 ta' Marzu 1995) - *"jew kif gew deskritti eadem res, eadem personae u eadem causa petendi"* - **("Edward Busuttil vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** – A.C. 5 ta' Marzu 1984 – LXVIII.ii.107); **"Raymond Sciberras vs Hugh P. Zammit nomine" –** P.A. (G.C.) 15 ta' Jannar 1997 – LXXXI.iii.7).

Infatti kif intqal fis-sentenza **"Charles Grixti vs Salvino Schembri et"** (Appell, 11 ta' April 1958 – Vol. XLII.I.198), *"biex din l-eccezzjoni tista' tirnexxi hemm bzonn li jigi ezaminat jekk jikkonkorrix l-ewwel element tal-gudikat, dak jigifieri, jekk is-sentenza ga msemmija kenitx giet maqtugha f'kawza bejn l-istess persuni li jidhru bhala kontendenti fil-kawza odjerna."*

Illi mbaghad fis-sentenza **"Edmea Pace vs Edward Pavia"** (P.A. (T.M) – 3 ta' Lulju 2003 - Cit. Nru: 1915/99/TM) intqal li: -

*"L-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha (a) l-interess pubbliku, u (b) hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti b'sentenza, (c) li tbieghed il-possibbilta' ta' decizjonijiet li jmorru kontra*

*xulxin, u (d) li taghlaq il-bieb li kwestjonijiet definiti jibqghu jinfethu bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti b'sentenza li tkun diga' nghatat dwar dik il-vertenza (Galea vs Falzon et, deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Frar, 2002). Illi minhabba l-fatt li dik l-eccezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li tkun altrimenti jisthoqqilha tigi meqjusa minn qorti, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tkun ta' interpretazzjoni dejqa, tant li f'kaz ta' dubju, il-gudikant ghandu jsib kontra dik l-eccezzjoni (Camilleri vs Mallia, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998)."*

Illi fid-decizjoni **"Innocenza Debattista et vs Giovanni Farrugia"** (P.A. 13 ta' Frar 1958 - Vol. XLII. II. 917) il-Qorti qalet li "*biex ikun hemm il-gudikat, jehtieg… li s-sentenza ta' qabel kienet giet maqtugha f'kawza bejn l-istess persuni…"* Illi dan huwa element bazilari ghaliex huwa proprju ghaliex hemm l-istess persuna li l-gudikat jaghmel stat bejn l-istess partijiet u dan japplika anke f'decizjonijiet ta' din in-natura dwar principji ta' ippjanar.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo,* jirrizulta li l-kaz li abbazi tieghu ddecieda l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, kien iddecieda u qabbel l-istess mal-kaz odjern, kien wiehed fil-konfront ta' certu Emanuel Cutajar, li huwa persuna totalment differenti minn dik ta' l-appellant odjern li huwa Joseph Cutajar. Ghalhekk meta l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar iddecieda li hawn japplika xorta l-principju ta' *res judicata* u ddecieda l-kaz fuq hekk, dan ghamlu b'mod legalment zbaljat ghaliex ma hemm lanqas ebda dubju li b'hekk biddel l-elementi essenzjali ta' l-istitut ta' *res judicata* u elemina r-rekwizit ta' l-*"eadem personae".* Huwa ovvju li decizjoni fil-konfront ta' Emanuel Cutajar qatt ma tista' tifforma stat fil-konfront ta' Joseph Cutajar minhabba li l-element ta' *"eadem personae"* mhux sodisfatt u dan l-element huwa bazilari ghall-applikazzjoni tal-principju ta' *res judicata,* li applikat kif applikat qatt ma' jista' jkollu znaturament fl-elementi essenzjali tieghu – almenu fejn applikat. Altrimenti nkunu qed nitkellmu fuq istitut iehor, huwa x'inhu, izda mhux fuq *res judicata* u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi milqugh fuq din il-bazi.

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-appell interpost qed jintlaqa'.

**<u>III. KONKLUZJONI</u>.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-Kummissjoni appellata fir-risposta taghha datata 10 ta' Gunju 2004, u **tilqa' l-appell interpost minn Joseph Cutajar fir-rikors tieghu datat 17 ta' Novembru 2003** fis-sens biss hawn deciz, b'dan ghalhekk illi tannulla d-decizjoni appellata tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"Joseph Cutajar vs L-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp" tal-31 ta' Ottubru 2003** u konsegwentement tibghat lura u tirrinvija l-atti lill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, sabiex fid-dawl ta' din is-sentenza jiddisponi mill-kaz skond il-ligi.

Illi l-ispejjez ta' din id-decizjoni jibqghu a karigu tal-Kummissjoni appellata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------